**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Karl Roberts)**

**vs**

**Faye Cheikh Ndoye**

**Illum, 23 ta' Marzu 2021**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Faye Cheik Ndoye,** iben Diowla Faye u Binta Fassama, imwieled ġewwa Senegal nhar id-9 ta' Settembru 1992, ta' nazzjonalita' Senegaliża, detentur tal-karta tal-identita` Taljana numru CA25449GV, residenti Triq il-Qawsalla, Msida.

Akkużat talli fit-22 ta' Marzu 2021, u jew fil-jiem, ġimgħat jew xhur ta' qabel din id-data f'dawn il-Gżejjer:

1. Kellu f'idejh passaport, maħruġ minn awtorita` kompetenti, jew li, ittrasferixxa dan il-passaport lil persuna oħra jew irċeva passaport li ġie trasferit lilu minn persuna oħra (Art. 3 tal-Kap. 61 tal-Liġijiet ta' Malta);

2. U aktar talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi, għamel użu jew ittenta jagħmel użu minn passaport maħruġ lil persuna oħra, ċioe` dak diġa` msemmi (Art. 4 tal-Kap. 61 tal-Liġijiet ta' Malta);

3. U aktar talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi ta prospett falz, dikjarazzjoni falza jew tagħrif ta' fatti foloz lill-Uffiċjal Prinċipali ta' l-Immigrazzjoni (Art. 32(1c) tal-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta).

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti eżebiti;

Semgħet lill-imputat jirreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu, liema ammissjoni huwa kkonfermaha u dan wara li l-Qorti, ai termini tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, avżatu bil-konsegwenzi legali ta' din l-ammissjoni u kkonċedietlu żmien biżżejjed sabiex jerġa' jaħsibha u jerġa' lura minnha;

Semgħet trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni tal-imputat għall-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu, il-Qorti ma tistax ħlief issibu ħati tal-istess imputazzjonijiet.

Għall-fini ta' piena, il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni min-naħa l-waħda n-natura serja tar-reati odjerni, kif ukoll min-naħa l-oħra l-fedina penali tal-imputat li hija waħda netta, l-ammissjoni bikrija tiegħu f'dawn il-proċeduri, u li huwa kkopera mal-pulizija waqt l-investigazzjonijiet tagħha, kif ukoll iċ-ċirkostanzi tal-każ.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 3 u 4 tal-Kapitolu 61 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikolu 32(1)(c) tal-Kapitolu 217 u l-Artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, qed issib lill-imputat **Faye Cheikh Ndoye** ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u tikkundannah għall-piena ta' sitt (6) xhur priġunerija effettivi.

Stante li ma ġewx maħtura esperti f'dawn il-proċeduri, tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-talba tal-Prosekuzzjoni fit-termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat